MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 240/2007

Kawza fil-lista: 43

**AB**
**u CD**
**vs**
**EF,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

1. Illi l-atturi huma tewmin, illum adulti u fic-certifikat tat-twelid taghhom GH huwa mnizzel bhala l-missier. Illi GH kien mizzewweg lil ommhom JK;

2. Illi GH kien issepara de facto minn ma' martu u mar jghix l-Ingilterra. Illi sussegwentement wara dan l-abbandun ghal kollox da parte ta' GH, JK kellha relazzjoni mal-konvenut EF;

3. Illi minn din ir-relazzjoni l-partijiet kellhom tewmin u cioe' l-atturi A u C. Illi sa minn mindu twieldu l-atturi gew mgharrfa minn ommhom li EF hu missierhom u dawn bnew relazzjoni mieghu;

4. Illi Josephine u GH ilhom iktar minn hmistax-il sena mejta. Illi t-tewmin minn dejjem kellhom relazzjoni ma' missierhom naturali u cioe' l-konvenut;

5. Illi missierhom kien mizzewweg u t-tfal l-ohra tieghu qieghdin jimpedixxu lil missiehom milli jara lill-atturi;

6. Illi l-atturi jixtiequ jiregolarizzaw il-posizzjoni taghhom sabiex l-istat ta' fatt jigi jaqbel ma' dak legali u dan kemm fl-interess taghhom kif ukoll ta' wliedhom.

Ghaldaqstant jghidu l-konvenuti ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m' ghadhiex:

1. Tiddikjara li EF huwa l-missier naturali tat-tewmin AB u CD okkorrendo b' test tal-paternita' jekk ikun il-kaz.

2. Illi fic-certifikati tat-twelid taghhom u taz-zwieg taghhom u cioe' f' dawk ta' AB u ta' CD fil-kolonna tad-dettalji tal-missier jigi mnizzel l-isem ta' EF u mhux GH.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut EF.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut EF li biha rrisponda:

1. Illi l-pretensjonijiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi ghalkemm hu minnu li f' xi zmien l-istanti kien jiltaqa' ma' JK, li tigi omm l-atturi fil-kawza fl-ismijiet premessi, pero' dan bl-ebda mod ma jinferixxi illi l-atturi huma l-ulied tal-konvenut, specjalment meta jigi

kkunsidrat illi omm l-atturi kien proprju l-kors normali ta' hajjitha illi jkollha relazzjonijiet intimi ma' rgiel ohra;

2. Illi ulterjormanet u bla pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat illi l-atturi ma jistghux jitolbu stat kuntrarju ghal dak li jaghtihom l-att tat-twelid bhala ulied imnissla jew imwielda matul iz-zwieg, stante illi l-pussess ta' stat taghhom jaqbel ma' dak l-att;

3. Illi c-certifikat tat-twelid ta' l-atturi korrettement jindika li l-missier huwa Joseph Ebejer u jekk illum jezistu mezzi biex il-missier isir maghruf, l-ispejjez biex isir dan, f' ebda kaz m' ghandu jbatihom l-konvenut EF.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrenti jispecifikaw d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali u cioe' l-intimat EF biex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, l-kliem "the said" ghandhom jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta' l-omm.

4. Illi r-rikorrenti ghandhom jispecifikaw in-numri progressivi ta' l-Att ta' l-Istat Civili kollha li jixtiequ jikkoregu ai termini ta' l-Artikolu 253(3) tal-Kap. 16.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapporti[1] [ex parte] ta' l-Analista Robert Cardona u l-Ispizjara Marisa Cassar, minnhom mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-atturi qedin jitolbu minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-konvenut EF huwa l-missier naturali taghhom; u l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-att tat-twelid taghhom.

Minn naha tieghu, il-konvenut EF cahad il-pretensjoni ta' l-atturi, filwaqt li ddikjara li omm l-atturi fil-kors normali ta' hajjitha kellha relazzjonijiet intimi ma' rgiel ohra; di piu' huwa qed jeccepixxi l-pussess ta' stat legittimu da parti ta' l-atturi, li jaqbel ma' l-att tat-twelid taghhom; u qed jikkontesta l-kap ta' l-ispejjez, u jekk, rizultat ta' testijiet xjentifici, jirrizulta mod iehor, huwa m' ghandux ibati spejjez.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li Nazzareno u Josephine, konjugi Ebejer, li llum il-gurnata huma mejtin, kienu sseparaw de facto meta Nazzareno telaq lejn l-Ingilterra filwaqt li martu baqghet tghix Malta. Sussegwentement twieldu l-atturi, tewmin, fil-21 ta' Jannar 1964, izda fuq ic-certifikati tat-twelid taghhom bin-numri 641/1964 u 640/1964 l-imsemmi GH gie ndikat bhala l-missier legali.

[1] Fols.32 u 34

Illi l-atturi jsostnu li l-missier naturali taghhom huwa l-konvenut EF, u “sa minn mindu twieldu [huma] gew mgharrfa minn ommhom li EF hu missierhom u bnew relazzjoni mieghu. Huma jghidu li dejjem kellhom relazzjoni mal-konvenut bhala l-missier naturali taghhom.

Illi minn naha tieghu l-konvenut EF jichad dan, u fl-affidavit tieghu jghid li “hafna snin ilu kelli relazzjoni ma’ JK u dan bil-mohbi tal-mara tieghi. Din Guza kienet prostituta … u meta jiena kont immur maghha kont inhallasha …. Niftakar illi din Josephine kienet harget tqila, izda jiena qatt ma naf li kawn kienu t-tfal tieghi…… u, ghalkemm gieli kellimthom, jiena xorta ma nafx li dawn it-tfal huma tieghi. Ninnega l-fatt li C u Eva gieli gew ghandi.”[2] Huwa jinnega li kien hemm xi forma ta’ komunikazzjoni maghhom.

L-istess konvenut ipprezenta l-affidavits ta’ uliedu biex jaghti grad ta’ konfort lil l-allegazzjoni tieghu li huwa kellu xi forma ta’ relazzjoni ma’ l-atturi.

Illi mir-rapporti xjentifici tirrizulta provata t-tezi ta’ l-atturi, li huma l-wild naturali tal-konvenut EF.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi fl-ewwel l-lok, jigi osservat li l-konvenut EF ma rnexxielux jipprova li l-atturi ghandhom pussess ta’ stat legittimu konformi ma’ l-att tat-twelid taghhom; anzi l-provi in propositu juru l-kuntrarju.

Illi fit-tieni lok, mir-rapporti xjentifici prezentati ex parte u li ma gewx kontestati, jirrizulta li “mit-testijiet li ghamilt irrizulta illi EF [Id.188124M] hu l-missier naturali ta’ Eva Mahlangu [Id.64064M] u Alfredo Cisahayo [Id.64164M].”[3]

Dan premess u kkunsidrat it-talbiet ta’ l-atturi huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha bl-ispejjez. Jigi osservat li fl-udjenza tat-30 ta’ Ottubru 2007

[2] Fol.37
[3] Spizjara Marisa Cassar – affidavit prezentat fit-3 ta’ Gunju 2008

l-atturi ddikjaraw li huma kienu lesti li jassumu l-ispejjez tat-testijiet tad-DNA.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-atturi, u tiddikjara li l-konvenut EF huwa l-missier naturali ta’ l-atturi AB u CD li twieldu fil-21 ta’ Jannar 1964;  u tordna li c-certifikati tat-twelid rispettivi, numri 640/1964 u 641/1964 jigu korretti fis-sens li jigi kancellat l-isem ta’ GH u l-konnotati tieghu, u minflok, jigi nserit l-isem tal-konvenut EF bil-konnotati tieghu, [kif jirrizultaw minn nota prezentati minnu fl-10 ta’ Gunju 2008].

L-ispejjez tal-proceduri odjern jkunu a kariku tal-konvenut EF.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------